# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 28 ta` Frar, 2018.**

**Talba Nru: 451/2017PA**

**Catermax Limited**

**vs**

**Emmanuel Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-25 ta` Settembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li l-konvenut kien jipprovdilha servizz ta` trasport għall-impjegati tagħha, li rriżulta li ħallsitu darbtejn tal-istess fattura għall-istess servizzi li provdielha f'Novembru 2012 u fix-xhur ta` qabel, u li minkejja li talbitu r-rifużjoni permezz ta` ittra uffiċjali eżekuttiva, dan baqa' inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elf mija u tmienja u tletin Ewro (€1,138.00).

Ra d-dokumenti anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 267/2016 datata 16 ta` Frar 2016 (fol.2 u 3), flimkien man-nota ta`

opposizzjoni ppreżentata mill-konvenut fil-25 ta` Frar 2016 (fol. 4), u fattura maħruġa mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut fid-19 ta` Ġunju 2013 għar-rimbors ta` €1,138.00 (fol.5) mill-ħlas ta` 2,276.00 li sar lilu fit-30 ta` Novembru 2012 biċ-ċekk numru 580 (fol.6), u diversi fatturi oħra maħruġa mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi (fol.7 sa 13).

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fl-20 ta` Ottubru 2017 li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjeta` attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż; u li mhux minnu li qatt irċieva xi flus li ma kienux dovuti lilu mis-soċjeta` attriċi.

Sema' x-xiehda mressqa mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Ikkunsidra li:

Is-soċjeta` attriċi għamlet żmien tuża s-servizzi ta` trasport provduti mill-konvenut għall-garr tal-impjegati tagħha.

**Darren Bondin**, *Financial Controller* tas-soċjeta` attriċi, spjega li s-sistema li kienu jaħdmu biha l-partijiet kienet li l-konvenut kien jibgħat fattura tax-xogħol, u l-ħlas dovut, fl-aħħar ta` kull xahar li fih ikun provda servizz ta` trasport lill-attriċi. Qal ukoll li, bi żball, *statement* tal-fatturi[1] inħadem bħala fattura għaliħa, u b'hekk ġiet li s-soċjeta` attriċi ħallset darbtejn għall-istess fattura lill-kovenut. Skond ix-xhud, l-aħħar ingaġġ mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut twettaq fix-xahar ta` Ottubru 2011, pero` f'Novembru 2012 is-soċjeta` attriċi ħallsitu żejjed. Oltre d-dokumenti ga eżibiti, ix-xhud ippreżenta kopja legali tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1257/16 preżentata fit-30 ta` Ġunju 2016 (fol. 2-3).

[1] Dok. DB4, fol.24

Il-konvenut **Emmanuel Mifsud** xehed li huwa jaħdem bħala xufier tal-*minibus* għal rasu, u li ilu jagħmel dan ix-xogħol għal ħamsa u għoxrin sena. Qal li ġieli ħadem għas-soċjeta` attriċi. Meta ħadmilhom, kellu ftehim magħhom li jibgħatilhom fattura fl-aħħar a' kull xahar, u jħallsuh xahar xahar, għalkemm kienu jdumu aktar biex iħallsuh. Qal li waqqfuh minnaħa tagħhom, għall-ebda raġuni. Il-konvenut ċaħad li rċieva xi ħlas żejjed. Ċekk wieħed kien ikun ikopri diversi fatturi. Wara l-aħħar ħlas ma kellmuhx aktar, u mbagħad irċieva l-ittra uffiċjali eżekuttiva.

Ikkunsidra li:

Filwaqt li l-partijiet jaqblu fuq il-ġeneralita` tar-relazzjoni ta` appalt ta` bejniethom, huma ma jaqblux fuq il-kwistjoni li hija l-pern ta` din il-kawża, u ċioe' li s-soċjeta` attriċi ħallset darbtejn lill-konvenut tal-istess xogħol.

Mill-provi skarsi ppreżentati mis-soċjeta` attriċi f'din il-kawża, jidher li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinetx regolata bil-kitba, u li l-unika dokumentazzjoni bejniethom kienet il-fatturi li l-konvenut kien jibgħat fl-aħħar ta` kull xahar lis-soċjeta` attriċi. Pero` mill-*iStatement* eżibit minnha, jidher li l-fatturi bin-numri 51, 56, 57, 58, 59 u 60 li kopja tagħhom ġiet eżibita fl-atti ma kinux l-uniċi fatturi ta` xogħol mibgħuta mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi, u mħallsa minnha. Dan it-Tribunal jifhmu kemm mill-fatt li hemm nieqsa l-fatturi numri 52, 53 u 54 għax-xhur Jannar 2011, Frar 2011 u Marzu 2011 u anke mill-fatt li, fix-xiehda tiegħu, il-*Financial Controller* tas-soċjeta` attriċi ma xehed xejn dwar meta l-konvenut beda jagħti s-servizzi tiegħu lis-soċjeta` attriċi, f'liema xhur provda dawk is-servizzi, x'kienu l-ħlasijiet totali li ħallsitu s-soċjeta` attriċi, u x'kien il-kreditu sħiħ tiegħu skond il-fatturi mibgħuta lilu.

Mill-banda 'l oħra, mid-dokumenti eżibiti mis-soċjeta` attriċi, jidher ċar li din ħadet żmien twil biex tħallas dak dovut minnha lill-konvenut – kif xehed l-istess konvenut – aktar minn sena, għaliex filwaqt li l-aħħar servizzi provduti minnu kienu fix-xahar ta` Ottubru 2011, l-aħħar ħlas mibgħut lilu sar fl-aħħar ta` Novembru 2012, u ġie msarraf minnu fix-xahar ta` wara.  Inoltre, is-soċjeta` attriċi naqset li tagħti spjegazzjoni

għas-servizzi li tagħhom kienet qed teffettwa l-ħlas, meta bagħtet dak il-pagament, spjegazzjoni din li hija mistennija u meqjusa xieraq fil-kuntest ta` relazzjoni kummerċjali li tidħol fiha soċjeta` kummerċjali.

Inoltre, mhux kontestat li s-soċjeta` attriċi talbet għall-ewwel darba r-rimbors imfittex minnha b'din il-kawża aktar minn tlett snin wara li tgħid li effettwat il-ħlas żejjed.

Wara li qies dan kollu, u partikolarment li s-soċjeta` attriċi naqset li tressaq l-aħjar prova (**art. 559**, Kap.12) li l-ħlas mitlub minnha b'din il-kawża fl-ammont ta` elf mija u tmienja u tletin Ewro (€1,138.00), kien effettivament ħlas żejjed li ma kienx dovut lill-konvenut għal servizzi provduti minnu lill-istess soċjeta` attriċi, it-Tribunal iqis li t-talba tas-soċjeta` attriċi ma tirriżultax pruvata fuq bilanċ ta` probabiltajiet.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, dan it-Tribunal jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u jiċħad it-talba tas-soċjeta` attriċi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta` attriċi.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**
**Ġudikatur**